# K U N S I L L  L O K A L I  K I R K O P

Il-Minuti tat-tmintax (18) –il laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar il-{imgħa 23 t' Ottubru, 2009 fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (5.30pm), fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| *Preżenti għall-Laqgħa:* | Mario Salerno Sindku |
| | Joe Carbone Viċi Sindku |
| | Stephen Mizzi Kunsillier |
| | Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv |
| *Skuzata:* | Rose Roberts Kunsilliera |
| | Nadia Zammit Kunsilliera |

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**

1.1. Il-Minuti tas-sbatax -il laqgħa tqassmu ġimgħa qabel u inqraw.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti tal-laqgħa sbatax ġew approvati.

**3. Punti Mqajjma mill-Minuti**

Ma kienx hemm punti mqajma.

**4. Stqarrija tas-Sindku Mario Salerno**

4.1. Is-Sindku qal li llum se niflu u nevaltwaw it-tenders li nħarġu aktar qabel u rridu naraw liema tenders huma l-aħjar u kif dawn il-prezzijiet jgħoddu għall-baġit tal-kunsill. Is-Sur Salerno kompla u qal li jemmen li l-irħas tender tkun ta' vantaġġ għalina, imma rridu nżommu f' moħħna wkoll li jekk hemm xi tenders li huma għoljin, allura sta għalina biex niddeċiedu kif se nagħmlu jekk l-istima tkun aktar għolja mill-kejl tal-baġit tal-kunsill. Is-Sindku appella li jekk hemm xi tenderer li waddab xi tender u li għandu xi parentela fil-kunsill, jitlob lil kunsillier biex jirrikluża ruħu mill-aġġudikazzjoni tat-tenders.

4.2. Is-Sur Salerno qal li wara li llestu xogħol tal-kunsill li għandna fl-agenda tal-lum, nidew naħdmu fuq it-tenders. Hu qal li ma jeskludix li dan ix-xogħol fuq l-aġġudikazzjoni jitkompla jum ieħor għax għandna ħafna tenders.

Kunsill Lokali Kirkop – Triq il-Barrieri, Kirkop
Sindku: Sur Mario Salerno
Vi`i Sindku : Sur Joseph Carbone
Kunsilliera : Sur Stephen Mizzi, Sinjorina Nadia Zammit, Sinjura Mary Rose Roberts
Tel: 21680099 Fax: 21683777 email: kirkop.lc@gov.mt

4.3. Salerno qal li matul dan l-aħħar xahar kellna talba sabiex inżommu żewġ studenti gradwati li huma speċjalizzati fil-qasam rurali. Il-kunsill ħa ħsieb li jikkordina l-ħidma u r-riċerka ta' dawn iż-żewġ Spanjoli biex iniedu inventarju tal-flora fil-lokalitá tagħna. Huma qegħdin jieħdu r-ritratti tal-flora, ifittxuhom fuq il-kotba biex jaraw x' isem għandhom, kif ukoll jaraw x'tip ta' veġetazzjoni hi adattata bħala flora mediterranja. Dan hu wieħed mill-passi li l-kunsill qed jieħu sabiex nimxu lejn il-proġett ta' raħal ekoloġiku.

4.4. Xogħol ieħor li ta frott mhux mistenni u li kienet aktar opportunitá li ħadna bħala kunsill meta s-Sur Salerno kien Marsilja fuq xogħol, u ġie mitlub jekk bħala muniċipalitá rridux nieħdu sehem f' proġett tal-Euromediterraneo li jirrigwardja l-iżvillup rurali. Is-Sindku qal li kienet opportunitá li ma stajnix nitilfu, fejn hemm fondi ta' 2 miljun ewro. Kull partiċipant li jieħu sehem f' dan il-proġett, jista' jieħu sehem f' setturi bħal integrazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xogħol, tkattir tas-siġar taż-żebbuġ, il-biedja organika u l-iżvillup rurali. Jekk se jibqgħu 20 parteċipant li ġejjien minn Spanja, Franza, Italja, Grecja, Malta, Egittu, Tunes, Algeria, Syria, Palestina u l-Marokk , allura kull partiċipant għandu aċċess għal 100,000 ewro għal programmi. Salerno qal ukoll li kull partiċipant irid joħroġ co-financing ta' 10 %, f' dan il-każ hu 10,000 ewro li jkopri spejjeż amministrativi. Billi hu proġett li jirrigwardja lill-iżvillup rurali, s-Sindku rrikmanda lil Rose biex issegwih. Dan il-proġett hu 'Pjattaforma Euromediterraneo', u l-fondi tal-EU jridu jintefqu b' mod ekwu ta' 50% bejn il-pajjiżi tal-EU u pajjiżi terzi.

4.5. Is-Sindku qal li irridu naħdmu fuq it-tender li ser noħorġu fuq il-ġbir tal-iskart, waqt li rridu nitkellmu u niddeċiedu fuq liema ftehim nistgħu naslu sabiex l-iskart reċiklat ikun proċessat. Salerno qal li quddiemna għandna żewġ offerti ta' ftehim u rridu naraw liema offerta tgħodd għalina.

4.6. Barra din it-tender, irridu noħorġu wkoll tenders oħra li jirrigwardjaw tindif tat-toroq, il-bulky refuse u il-ħarsien tal-faċilitá sanitarja.

4.7. Is-Sindku tkellem ukoll fuq il-proġett ta' l-ESF u l-launch li se jsir il-ġimgħa ta' wara fejn it-TCTC ħareg l-inviti u s-Sur Josef Gauci flimkien ma' s-Sur Ray Abela se jispjegaw l-andament tal-programm. Salerno qal li iħeġġeġ lil Kunsilliera sabiex ikollna parteċipazzjoni tajba. Is-Sindku qal li irid ifakkar li bħala leader tal-proġett, il-kunsill tagħna ma għandux iħalli xi inizjattiva tgħaddi għand xi individwu bill-konsegwenza li jkun hemm xi ħaġa ħażina. Għalhekk Salerno qal li hu importanti li is-Sur Ranier Busuttil iżomm kontroll sħiħ fuq l-implimentazzjoni tal-proġett u jgħarrafna b' kull pass mehud.

4.8. Is-Sindku qal li l-bini tal-latrina miexi skond kif kien maħsub. Is-Sur Charles Chircop qed jikkordina l-ħidma u l-ħaddiema tar-robba jidhru li huma kuntenti bil-kontribut tagħhom. Il-kunsill qed jordna l-materjal, liema irċevuti se jingħataw lil MEPA sabiex tħallas lil kunsill ta' kull nefqa li qed issir.

4.9. Is-Sindku qal li ntant il-ħaddiema ta' l-IPSL qed jimxu fuq ir-rakkomandazzjoni ta' Joe Carbone, fejn qegħdin jaqtgħu it-trinek tad-dawl. Is-Sindku qal li l-Vici Sindku Joe Carbone jista' jgħidilna aktar fuq dan ix-xogħol.

4.10. Is-Sur Salerno qal li din il-ġimgħa irċevejna nota mill-MEPA fuq talba tal-familja Mizzi sabiex ikun hemm re-alinjament tat-triq u forsi jista' jillabora aktar fuq din it-talba Stephen Mizzi li għandu l-firma mnizzla ma' tal-familja tiegħu.

4.11. Is-Sindku qal li l-kwistijoni tal-Multigas Ltd għada sejra. Il-pass li kellhom jagħmlu tal-Multigas għadu ma ittiehedx. Sadanitant irridu nidhru quddiem il-MEPA fuq il-kwistjoni konċernata ma' l-appeals board. Is-Sindku irrikmanda lil Ranier Busuttil biex jitlob laqgħa ma' l-avukati konċernati u ma' Vince Bartolo qabel dan ta' l-aħħar itemm l-impjieg tiegħu.

4.12. Is-Sindku qal li meta kien Marsilja, kellu laqgħa ma Jean Louis Canal is-Sindku ta' Rousset u ma' Elizabeth u Martina, tkellmu fuq tlett proġetti li huma a) il-programm li lestew il-kunsill ta' Rousset sabiex jilqgħu għal ġimgħa l-istudenti u l-għalliema tal-Kulleġġ San Bendettu għal matul April, 2010; b) il-viżta ta' 40 Koppi f' Rousset għas-sena d-dieħla c) laqgħa bejn il-kunsilliera ta' Rousset u l-kunsilliera tar-reġjun ta' Malta fis-sala tal-konferenzi ġewwa l-Belta Valletta. Is-Sindku qal li rigward il-proġett A- tajjeb li tkunu tafu li għandu l-ittra uffiċjali minn Rousset sabiex nagħduha lis-Surmast tal-Kulleġġ. Fuq proġett B- irridu naħtru tnejn minna sabiex jaħdmu fuq dawk il-persuni li taw sehem lejn il-kunsill, li meta fittixnihom sibnihom u li għadhom attivi biex jixprunaw dinamiżmu fil-kommunitá. Is-Sindku ippropona lil Viċi Sindku biex jaħdem fuq dan il-proġett. Rigward il-laqgha f' Malta bejn ir-reġjun ta' Marsilja u Malta, is-Sindku ippropponi lil Stephen sabiex jaħdem fuq dan il-progett, u miegħu se jkun hemm uffiċjal ta' l-EU commission li għandu ħafna esperjenza fuq dawn il-proġetti u li ltaqa' wkoll ma Jean Louis Canal u qallu kif nistgħu norganizzaw din l-attivita f' Malta. Salerno qal li jkun hemm bżonn li nkellmu lil Onor. Chris Said sabiex ikun parti integrali mill-proġett. Hu kompla u qal li hemm ħafna xogħol xi jsir li jirrigwarjda dan il-proġett fuq '{ejjieni sostenibbli fid-dawl tal-bidla fil-klima'. Il-Franċiżi huma avant-garde fuq din l-issue u din it-tema li tolqot lilna għax konna aħna bħala l-ewwel kunsill li pproponejna l-proġett tal-bidla fil-klima.

Is-Sur Salerno ssuġġerixxa li Joe Carbone u Rose Roberts ikunu involuti f' mawra għal Rousset mal-partners tagħhom.

Is-Sur Stephen Mizzi qal li hu kontra li jitilgħu żewġ rappreżentanti mil-Kunsill għaliex huma qed jitolbu xi ħadd b'talent u mhux kunsilliera. Mario qal li hija diffiċli ukoll li ttella l-xi ħadd b' talent għaliex biex tażel diffiċli.

Stephen qal li ma jaqbilx ukoll għaliex din il-ħaġa ser tispiċċa li sservi ta' mawra għal Kunsilliera u huwa kontra u issuġġerixxa li nidentifikaw xi ħadd b'talent u niddiskutuha. Hu ssuġġerixxa xi ħadd fuq ganutel.

Wara diskussjoni ġie maqbul li jitla Joe Carbone bħala rappreżentant tal-Kunsill u ssir kompetizzjoni fuq ganutell u min jirbaħ ikollu ċ-ċans li jitla Rousset u jippreżenta ix-xogħol tiegħu.

4.13. Is-Sindku qal li llum irid ikun jaf b' mod konservativ- is-somma globali tal- affarijiet li jridu jitħallsu bħala parti mill-ispiża tal-kunsill waqt li jixtieq ikun jaf eżatt kemm għandna flus wara li jinqatgħu l-ispejjeż li huma pendent. B' hekk ikollna stampa ċara ta' kemm nistgħu nonfqu bħala kunsill fil-jiem li ġejjien.

4.14. Salerno qal li hemm bżonn li nitolbu stima lil Koptasin biex tagħtina stima ta' kemm jiswa 'locality refreshing lines tat-traffiku'. Il-linji qegħdin jitħassru u hemm bżonn li jkollna

refreshing tagħhom. Is-Sindku ssuġġerixxa lil Viċi Sindku sabiex jaħdem fuq din il-ħidma u jinfurmana fis-seduta li jmiss.

Mario issuġġerixxa ukoll jew inġibu bniedem mil-IPSL u jieħu ħsieb il-lines refreshing.

4.15. Is-Sindku qal li l-veġetazzjoni u l-flora li suppost jieħdu ħsiebhom l-ELC, irridu nkomplu ngħafsu fuqhom sabiex bil-mod, ibiddlu l-veġetazzjoni aljena ma dik tipikament mediteranja. Hu kompla u qal li hemm ħtieġa li nħawwlu aktar siġar Maltin anke f'postijiet remoti bħal f'tar-Robba.

4.16. Is-Sindku qal li għandi informazzjoni li hemm xi barranin li qegħdin jiġu fi Triq il-Lewżiet sabiex jagħmlu kuntatt mal-klandestini li hemm ġewwa l-barracks. Talbuh ir-residenti sabiex ninstallaw cameras ħdejn iċ-ċimiterju sal-grawnd tal-futbol. Għal din it-talba għandna bżonn xi 10,000 ewro u flus mill-baġit tagħna m'għandix. Għalhekk hu talab lil Onor. Ministru Carmelo Mifsud Bonnici sabiex juża' fondi speċjali ta' 18 il-miljun ewro li għandu available għas-sigurtá u l-ħarsien lil kommunitá mill-impatt tal-immigranti, u li }al Kirkop għandu d-dritt li jiggwadanja xi ħaġa mill-presenza tal- klandestini. Il-Ministru għandu jagħtina r-risposta.

4.17. Is-Sur Salerno issuġġerixxa li nagħmlu ħarġa kulturali minajr logħob ta' tombla u kulħadd qabel. Għalhekk Salerno qal li tajjeb li nidentifikaw data sabiex nippjanaw din il-ħarġa u mmorru bħal Birgu jew il-kon-katidral ta' San {wann. Għat-tfal nistgħu nagħmlu ħarġa fejn noħduhom jaraw film u jieklu xi ħaġa ukoll.

**5.1. Stqarrija tal-Viċi Sindku Joe Carbone**

5.1.1. Is-Sur Carbone jaqbel perfettament ma sħabu kollha, fuq it-tender tal-iskart. Fi żmien ta' llum, irridu ndaħħlu s-sistema li kulma għandu x'jaqsam ma' l-iskart, għandu jkun miġbur f'kuntratt wieħed. Carbone qal ukoll li jekk jirnexxielna ninkludu l-ġbir ta' l-iskart, kif ukoll l-indafa tat-toroq, inkunu f'pozizzjoni li jekk jinqalgħa lment ma jkunx hemm monkey business, fejn il-ħmar iwaħħal f'denbu.

5.1.2. Il-Viċi Sindku xtaq jissuġġerixxi, jekk dejjem ikun hemm qbil, biex ninkoraġġixxu għal-aktar indafa, kif ukoll biex l-iskart li jintrema jkun skart separat, inqassmu boroż griżi lid-djar. Eżempju household ikollha pakkett fix-xahar. B'hekk ninkoraġġixxu għal aktar separazzjoni tal-iskart. Hu kompla u qal li forsi nistgħu nutilizzaw ftit minn dik is-somma li konna ingħatajna mill-Ministeru bħala it-tieni l-aktar raħal li nġabar skart separabbli minnu. Dan huwa biss suġġeriment.

5.1.3. Is-Sur Carbone issuġġerixxa li nagħmlu kampanja fl-iskejjel dwar l-indafa. Forsi wkoll noħolqu xi inċendiv lit-tfal tagħna, biex iħarsu aktar l-indafa tar-raħal u jżommuh aktar nadif.

5.1.4. Carbone xtaq jissuġġerixxi li jekk ma tkunx ta nkwiet, intellgħu wirja ta' presepji fil-kunsill, għal-żmien il-Milied. Din issir fuq bażi ta' ċertifikat ta' mertu bħala rikonoxximent għal-parteċipazzjoni. Hu emfasizza li ma jingħatawx rigal bħala premjijiet, biex ma noħolqux diżgwit bla bżonn.

5.1.5. Is-Sur Carbone xtaq isemmi, jekk nistgħux norganizzaw ħarġiet edukattivi u kulturali, f'postijiet fejn ma jkunx hemm bżonn li jitħallsu mizati għad-dħul. Bħal ngħidu aħna San {wann. Is-Sur Carbone qal li kellu kuntatt ma persuna li taħdem fil-kon-katidral, li offrietli s-servizz tagħha bla ħlas biex iddawwar gruppi. Hu qal li nistgħu nerġgħu inkellmuha lil din il-

persuna, biex jekk naqblu nirranġaw ħarġa. Hemm aktar postijiet fejn wieħed jista jmur, bħal l-Imdina eċċ.

5.1.6. Carbone qal li nistgħu nibdew nibdlu s-siġar li għandna madwar ir-raħal, li m'humiex indiġeni, ma' oħrajn indiġeni. Hu qal li għandna per ezempju ħafna siġar tal-Yucca li din m'hijiex Maltija. Għalhekk għandna nibdew naqilgħu minn dawn il-Yuccas, u nħawwlu flokhom siġar Maltin, bħal ballut, żnuber, għargħar eċċ.

5.1.7. Il-Viċi Sindku qal li tajjeb naraw nistgħux inkomplu l-bdil tal-bankini u jekk il-ħaddiema tagħna huma impenjati ħafna minħabba t-tisbiħ tal-kunsill il-ġdid, nistgħu nagħmlu użu mill-ħaddiema tal-koperattiva? Hu qal li jaf li tiġina aktar ogħla, pero ma nistgħux inħallu s-sinjali tat-toroq, bla ma jidhru.

5.1.8. Is-Sur Carbone tkellem rigward il-ħajt tas-sejjieħ, li qiegħed iċedi u jitmermer ftit ftit fi Triq San Leonardu. Hu qal li jaf li s-Segretarju irrapporta lil pulizija dwar dan, pero nistgħu naraw ta' min huwa, għax hija gravi ħafna s-sitwazzjoni għaliex jekk jaqa' xi ġebel fuq xi ħadd, il-kunsill jiġi fl-inkwiet. Is-Sur Carbone qal li tajjeb nindagaw ftit dwar din is-sitwazzjoni, għaliex hemm lok ta' emergenza f'dak ir-rigward.

5.1.9 Is-Sur Carbone ilmenta u qal li hemm landa żejt u koċċ ċraret fejn iċ-ċimiterju u tajjeb ninfurmaw lil Raymond Attard sabiex jiġborhom.

**5.2. Stqarrija tal-Kunsillier Stephen Mizzi**

5.2.1. Is-Sur Mizzi beda l-istqarrija u qal li s-sistema ta' l-iskart bħalissa addejja minn transazzjoni u tajjeb li noqodu attenti għax tiġi kontrina. Stephen qal li bħalissa irridu ninvestu u rridu rapporti dettaljati mil-wardens sabiex naraw xi jkunu qegħdin jagħmlu. Fil-preżent il-wardens qegħdin jiġu nhar ta' {imgħa bejn is-6.30am u it-8.30am u qegħdin iduru fejn ngħidulhom aħna u ġew istruwijti sabiex jagħtu verbal warnings u anke written warning lil dawk ir-residenti li mhux qed jikkollaboraw mal-Kunsill u jekk dawn ikunu regidivi ikollhom jieħdu miżuri aktar ħorox billi iħarrkuhom.

5.2.2. Is-Sur Mizzi staqsa rigward Sqaq Sant Anglu u issuġġerixxa li nerġgħu nkellem lil Onorevoli Chris Said fuq dan ir-rigward u naraw x'sar fuq ir-rapport li tajnih.

5.2.3. Is-Sur Mizzi qal li jaqbel magħha li nkomplu Triq San Pietru bil-bankini u nagħmlu ukoll Triq San Guzepp. Għalhekk tajjeb li navżaw lil tar-Robba biex ikompluha huma il-biċċa ta' Triq San Pietru għaliex din qatt ma saret.

5.2.4. Stephen Mizzi tkellem fuq il-biċċa art fi Triq San Pietru li qegħda tintuża bħala miżbla u tlabna kwotazzjoni lil Raymond Attard sabiex jgħidilna kemm ser tiġi biex inaddafielna. Stephen qal ukoll li hemm bżonn nidentifikaw l-artijiet tal-gvern u anke fi Triq il-Fieres fejn fetħu dan l-aħħar ta' Charles Chircop.

5.2.5. Fuq dan ir-rigward Stephen issuġġerixxa li nagħmlu site plan u nimmarkaw fejn hemm artijiet tal-gvern imbgħad nibgħatuha lil Onor. Jason Azzopardi. Suggeriment ieħor kien li nqabbdu l-ħaddiema ta' l-IPSL sabiex jagħmlu biċċa bankina bil-konkos f'ċertu areas u ibixxu bil-weet killer, bħal Triq il-Fieres għaliex hemm biċċa bankina li taqta ħesrem.

5.2.6. Stephen qal li tajjeb nordnaw lil ELC kull xogħol li jsiru għandhom isiru bil-miktub ħalli ma jkunx hemm diżgwid. Is-Segretarju qallu li propju minn dan ix-xahar bdejna sistema li niffirmaw u niċċertifikaw li ix-xogħol li ingħata lilhom sar sew kif mitlub.

5.2.7. Rigward il-biċċa tax-xogħol tal-permess tal-MEPA li jinvolvi lilu personalment Stephen qal li il-permess mhux ser jolqot il-Kunsill għalhekk kulħadd qabel li il-każ jingħalaq hemm.

**6. Approvazzjoni għall-ordnijiet ġodda**
**6.1. Korrispondenza**
6.1.1. Is-Segretarju qal li irċevejna ittra minn għand is-Sinjorina Leanne Axiaq, Miss Kirkop li qed titlobna inħallsula xi spejjeż relatati mal-attivita ta' Miss Malta. Il-Kunsill qabel unanimament li tinqala it-talba u li jitħallas il-kont ta' €66.

6.1.2. Irċevejna ittra minn għand persuna sabiex jagħmel talk lir-residenti, fuq kif għandna nikkontrollaw lit-tfal fuq l-internet u li tiswielna €25. Kien hemm qbil unanimu li ma tiġix aċċettata din l-offerta għaliex jekk irid jagħmilha b'xejn.

**6.2. Aġġudikazzjoni tat-tenders**
**Tender for privision & installation of wooden apertures KLK06/09**
Rigward it-tender tal-wooden apertures il-Kunsill jaqbel unanimament li tintgħażel l-offerta tas-Sur Raymond Camilleri u għalissa jiġu ordnati l-aperturi ta' barra biss waqt li l-Kunsill iżomm opzjon biex jagħti risposta fi żmien sitt xhur fuq ordni ta' aperturi ta' ġewwa.

**Tender for provision & installation of Aluminium apertures KLK 07/09**
Rigward it-tender ta' l-Aluminium il-Kunsill iddeċieda li jieħu it-tender tal-Olta Aluminium imma ċertu prezzijiet ta' l-aperturi ta' ġewwa ikunu rikunsidrati mil-ġdid.

**Tender for Provision and installation of Wrought Iron balconies and Gate KLK08/09**
Rigward it-tender tal-ħadid il-Kunsill qabel li tintgħażel l-offerta tas-Sur James Aloisio pero irid itina dikjarazzjoni bil-miktub li huwa VAT Exempt pero xorta irid jipprovdi irċevuta fiskali tal-VAT. Is-Sur Aloisio ipprovda id-dikjarazzjoni ftit ħin wara.

**Tender for provision and installatrion of Photovoltaic Cells KLK09/09**
Rigward it-tender tal-Photovoltaic il-Kunsill ikkonsulta ma' l-Iniġinier u ssuġġerixxa li immorru għal offerta ta' Bajada.

**Tender for Provision of Office Furniture KLK10/09**
Rigward it-tender ta' l-għamara ta' l-uffiċċju il-Kunsill qabel li imur għall-irħas offerta li kienet tal-Oxford House.

**Tender for Provision and installation of roofing soffits KLK11/09**
Rigward it-tender tas-suffet il-Kunsill qabel li ma tintlaqa l-ebda offerta.

**7 Awtorizzazzjoni tal-Pagamenti**
7.1. Il-pagamenti għaddew kollha minbarra wieħed li jidher biċ-ċar li hemm żball u li qiegħed imniżżel taħt isem Dieter Falzon flok Asfaltar Ltd. L-Approvazzjoni uffiċjali ser issir fil-laqgħa li jmiss.

**8. Affarijiet oħra**
8.1. Rigward it-tender ta' l-iskart li ser jiġi ppublikat f'Novembru il-Kunsilliera qablu li fl-istess gurnata jinħareġ ukoll it-tender tal-knis u tal-attendent mal-latrina. Rigward il-Kuntratt ta' l-iskart riċiklabbli wara li l-Kunsilliera raw l-offerti li għamlu il-Green MT u il-Green PAK ġie maqbul li tingħażel tal-Green MT u li nibqgħu bil-mazz aħna, iġifieri ċertu kundizzjonijiet isiru skond kif irid il-Kunsill.

8.2. Is-Segretarju tkellem fuq il-proġett Opportunities Close to home u qal li hu talab il-porzjon ta' kull kunsill partner fi flus u fetaħ kont bankarju ġdid sabiex ikun użat propju għal

dan il-proġett biss. Hu kompla u ippropona li il-ħlasijiet jittieħdu minn dan il-kont, iġifieri fil-flus tal-ko-finanzjament imbgħad wara niġu rimborsi mit-teżor. Il-Kunsill qabel ma dan u għalhekk il-pagamenti relatati mal-proġett ESF jitħallsu mil-kont il-ġdid tal-ko-finanzjament imbgħad wara li jiġu moddija il-pagamenti l-OPM niġu rimborsati mit-Teżor.

8.3. Il-Kunsill talab lis-Segretarju sabiex jorganizza laqgħa ma' l-uffiċjali tal-Multigas u l-avukati taż-żewġ partijiet.

8.4. Is-Sindku staqsa lis-Sur Mizzi rigward Clean up the world il-għaliex mhux ser issir. Stephen qallu li waħdu ma setax ikompli għaliex waqt l-aħħar laqgħa Rose Roberts oġġezzjonat. Allura wara li ra l-involviment ta' kulħadd fl-irkotta fest u imbgħad għat-tindif ma' kellux appoġġ hu mhux ser ikun lest li jieħu x-xogħol waħdu. Stephen qal ukoll li hu jekk mhux ser ikollu appoġġ fuq l-iskart ser jiġi one fine day u jgħidlu li mhux ser ikun aktar responsabbli tiegħu.

8.5. Il-Kunsill qabel li nixtru għaxar tankijiet mil-blue u nużawhom bħala dustbins.

**9. Konklużjoni**
9.1. Il-laqgħa intemmet fit-7pm.

**Mario Salerno**
**Sindku**

**Ranier Busuttil**
**Segretarju Eżekuttiv**